L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 29 ta' April 2023 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**Il-Lingwa u l-Lingwistika**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA**

**Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. Il-gwerer, minbarra li jaħsdu l-ħajja ta' eluf u jagħmlu ħerba mill-ambjent naturali tal-pajjiżi milquta, jaffettwaw l-ekonomija globali, fost l-oħrajn għax iżidu l-inflazzjoni, joħolqu faqar kbir, u jxekklu l-provvista tal-prodotti u s-servizzi. Ikkummenta dwar dan b'referenza għal pajjiżi li qed ibatu mill-gwerra madwar id-dinja.

**JEW**

2. Fl-aħħar snin pajjiżna għamel għadd ta' riformi legali. Waħda minnhom kienet favur l-inklużjoni u l-għarfien ta' nies b'ġeneri differenti. Kemm taħseb li s-soċjetà tagħna tagħraf u tirrispetta lil dawk li jidentifikaw ruħhom bħala LGBTIQ? Il-liġijiet jirriflettu tassew dak li naħsbu, ngħidu, niktbu u nagħmlu? Iddiskuti.

**JEW**

3. L-aħħar maltempati li ġarrbet id-dinja ma kinux tas-soltu. Diversi pajjiżi kellhom temp estrem ta' nixfa jew ta' għargħar kbar. Ix-xjenzati qed jindikawlna li dan it-temp straordinarju hu frott tat-tibdil fil-klima. F'Malta wkoll qed inħossu l-effett ta' dan kollu. Taħseb li din hi problema globali li kull pajjiż għandu jerfa' r-responsabbiltà għaliha? Jekk iva, kif? Iddiskuti x'jista' jsir biex insibu tarfha.

**JEW**

4. X'jogħġbok u xi jdejjqek f'Malta? Mingħajr ma tkun wisq preġudikat/a, oħroġ il-preġji u n-nuqqasijiet tal-Maltin billi tagħti r-raġunijiet oġġettivi tiegħek.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: IL-QARI

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Skont il-psikologu Żvizzeru Carl Jung, "il-kuluri huma l-lingwa materna tas-subkonxju". L-ilwien iqanqlulna l-emozzjonijiet u jnibbtu fina l-ħsibijiet. Huma element ewlieni fid-disinn u kapaċi jibdlulna l-burdata. Nistgħu nqisuhom ukoll għodda b'saħħitha fir-reklamar. (par. 1)

Id-dawl tax-xemx u l-priżmi kienu l-katalisti għat-teorija tal-kulur u għall-għarfien dwar l-ilwien sa minn kmieni fl-1660. Fil-bidu tas-seklu 18, il-professur Ingliż tal-matematika u l-fiżika, Isaac Newton, kien ħareġ bir-rota tal-ilwien. Mitejn sena wara, Carl Jung esplora l-kulur u kif dan jaffettwa l-moħħ. Il-ħsibijiet tiegħu fuq it-tipi varji tal-personalità li, oriġinarjament, kienu maħsuba għat-terapija psikjatrika, ħadu sinifikat qawwi fis-settur kummerċjali, partikolarment fir-reklamar u l-bejgħ. L-ilwien nassoċjawhom ma' elementi differenti. Ngħidu aħna, l-aħmar jintuża biex jesprimi importanza, twissija jew sens ta' urġenza, inkella periklu. L-isfar marbut mal-kreattività u l-gost. L-abjad mad-dawl u s-safa. Ġieli wkoll mal-verġinità u l-qdusija. Il-blu magħruf li jikkalma u li jissuġġerixxi affidabbiltà u fiduċja. (par. 2)

L-istitut tar-riċerka tal-kumpanija Amerikana Pantone għażel sfumatura mill-iskali tar-roża u l-aħmar bħala l-Kulur tas-Sena 2023. Dan il-kulur, imsejjaħ Viva Magenta, iqarreb ħafna lewn l-inbid aħmar jew demm il-baqra. Fir-rota tal-ilwien insibuh bejn l-aħmar u r-roża, u skont Pantone hu magħmul mir-roża jgħajjat li jisfuma fil-vjola. Huwa deskritt bħala kulur assertiv imma fl-istess ħin mhuwiex qawwi u aggressiv daqs l-aħmar, tant li jfakkrek fin-nisġa mellisija tal-bellus. Bil-maqlub tal-iswed, jindika kuraġġ u nuqqas ta' biża', u jqanqal l-enerġija u l-ottimiżmu. Għalkemm normalment l-aħmar nassoċjawh mal-periklu u l-vjolenza, dan il-kulur, minkejja li ġej mill-istess familja ta' lwien, żgur ma jfakkrekx f'dawn il-karatteristiċi. L-istess kulur insibuh fl-insetti u fil-ward tropikali, bħall-fjura tal-hibiscus. Fil-fatt, in-natura kienet waħda mill-ispirazzjonijiet ewlenin għall-għażla ta' dan il-kulur. Il-Viva Magenta, li jirreferu għalih teknikament bħala Pantone 18-1750, faċilment idaħħlek fid-dinja tan-natura, jekk mhux ukoll f'ambjent eżotiku. (par. 3)

Il-kumpanija Pantone, li mill-bidu tas-sittinijiet bdiet tipprovdi standard għall-kulur fl-industrija tad-disinn, ilha mill-2000 tagħżel lewn partikolari kull sena li mbagħad jidher f'ħafna oqsma, ewlieni fosthom is-settur tal-moda. L-iskala tal-lewn aħmar diġà popolari ħafna fil-ħwejjeġ, u l-kumpanija fiduċjuża li l-kulur magħżul għas-sena 2023 hu versatili, se jingħoġob, u hemm ċans kbir li jintuża b'mod innovattiv. Fil-fatt, dar tal-moda magħrufa sew fl-Italja ħarġet kollezzjoni ta' ħwejjeġ tax-xitwa b'dan il-kulur. Kumpanija Franċiża saħansitra użatu fl-irtokk tal-mudelli tagħha. Il-Kulur tas-Sena 2023 imur tajjeb ma' karnaġġjoni u stili differenti. Bih tista' tasserixxi u tiddistingwi ruħek faċilment, hu x'inhu l-ġeneru tiegħek. Tradizzjonalment konna narawh fuq ix-xufftejn jew fuq il-ħaddejn imma issa qed jintuża wkoll fuq l-għajnejn. (par. 4)

Minbarra l-qasam tal-moda, oqsma oħra li jiġu influwenzati mill-Kulur tas-Sena huma l-industrija tad-divertiment u l-films, id-dixxiplini tal-arti u d-disinn, l-ivvjaġġar, u s-settur kulturali. L-għażla tal-Kulur tas-Sena toffri opportunità biex titqajjem diskussjoni fil-komunità tad-disinn u dawk intiżi fl-ilwien. Id-deċiżjoni tittieħed f'belt kapitali Ewropea waqt laqgħa sigrieta li għaliha jattendu rappreżentanti ta' entitajiet nazzjonali ta' standards tal-kulur minn pajjiżi differenti. L-għażla jagħmluha billi janalizzaw ix-xejriet taż-żmien. Illum din tiġi influwenzata wkoll mit-teknoloġiji l-ġodda, dak li jittella' fil-mezzi soċjali, u mill-avvenimenti sportivi organizzati madwar id-dinja. Għalhekk, il-Kulur tas-Sena jirrappreżenta l-ispirtu tal-mument u t-tranżizzjoni li nkunu għaddejjin minnha globalment. Dan il-kulur joħroġ l-isfumaturi tal-ħajja kontemporanja u jindika kif ix-xejriet tad-dinja diġitali jkunu qed jimmanifestaw ruħhom fid-dinja fiżika u bil-maqlub.

Nistgħu ngħidu li l-burdata taż-żmien u l-avvenimenti dinjin huma kruċjali fl-għażla tal-kulur annwali. (par. 5)

Il-kumpanija Pantone konvinta li l-aħmar magħżul għal din is-sena għandu jħeġġeġ sperimentazzjoni kreattiva f'oqsma varji li fl-aħħar tliet snin ma setgħetx issir minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija tal-Covid-19. Din mhix l-ewwel darba li Pantone għażlet l-iskala tal-aħmar għall-Kulur tas-Sena. Fl-2016 kienet għażlet varjetà aktar ċara tiegħu, Rose Quartz, kulur li jserraħlek għajnejk u jikkalmak. (par. 6)

Issib min jargumenta li l-kuluri huma esperjenzi suġġettivi influwenzati mill-perspettivi personali u l-kuntesti kulturali, u mhux lakemm titkellem fuqhom b'mod oġġettiv jew universali. Minkejja dan, jibqa' fatt li l-ilwien kapaċi jappellaw għal kull min jarahom u jagħrafhom u, lil hinn mill-interessi individwali, minn ċkunitna jibdew jiġbduna lejhom u jqanqlulna s-sentimenti. Mhux ta' b'xejn li fl-aħħar snin bdejna nisimgħu wkoll bil-lingwa tal-ilwien. (par. 7)

*(Adattata mill-artiklu "Brave and fearless - Viva Magenta named Pantone Color of the Year 2023" ta' Alice Finney li deher fis-sit dezeen.com f'Diċembru 2022.)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija vera. (2)

   Skont is-silta, il-Kulur tas-Sena 2023:

   a. diffiċli tadattah f'kuntesti differenti.
   b. ifakkrek f'elementi ta' biża' u periklu.
   ċ. għandu sfumatura sabiħa u flessibbli biex tużah f'oqsma differenti.
   d. hu għalkollox differenti mill-ilwien magħżula fis-snin imgħoddija.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-tajba. (4)

   a. Il-kelma **katalisti** fis-sentenza: "Id-dawl tax-xemx u l-priżmi kienu l-katalisti għat-teorija tal-kulur u għall-għarfien dwar l-ilwien sa minn kmieni fl-1660." (par. 2) tfisser:
      i. li jistimulaw
      ii. li jipprevjenu
      iii. li jikkontradixxu
      iv. li joħolqu

   b. Il-kelma **eżotiku** fis-sentenza: "Il-Viva Magenta, li jirreferu għalih teknikament bħala Pantone 18-1750, faċilment idaħħlek fid-dinja tan-natura, jekk mhux ukoll f'ambjent eżotiku." (par. 3) tfisser:
      i. imqalleb
      ii. familjari
      iii. silenzjuż
      iv. misterjuż

   ċ. L-espressjoni idjomatika **imur tajjeb** fis-sentenza: "Il-Kulur tas-Sena 2023 imur tajjeb ma' karnaġġjoni u stili differenti." (par. 4) tfisser:
      i. jirrifletti
      ii. jixraq
      iii. ikanġi
      iv. joħroġ

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

d. L-espressjoni **jimmanifestaw ruħhom** fis-sentenza: "Dan il-kulur joħroġ l-isfumaturi tal-ħajja kontemporanja u jindika kif ix-xejriet tad-dinja diġitali jkunu qed jimmanifestaw ruħhom fid-dinja fiżika u bil-maqlub." (par. 5) tfisser:
   i. jitfasslu
   ii. jidhru
   iii. jinbidlu
   iv. jipprogrammaw

3. Ikteb taqsira ta' bejn **80 u 90 kelma** fuq l-assoċjazzjonijiet li nagħmlu ma' kuluri differenti u l-karatteristiċi li norbtu magħhom. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fl-imperfett u fit-tielet persuna singular. (5)

4. Semmi **ŻEWĠ** fatturi li juru b'mod ċar li l-Kulur tas-Sena diġà beda jinżel tajjeb mal-pubbliku. (3)

5. Fis-silta jingħad li l-Kulur tas-Sena jinfluwenza għadd ġmielu ta' oqsma. Identifika **TNEJN** minnhom u ssuġġerixxi kif dan il-kulur jista' jinfluwenzahom. (3)

6. Fi tmiem is-silta, l-awtriċi tgħid li "Mhux ta' b'xejn li fl-aħħar snin bdejna nisimgħu wkoll bil-lingwa tal-ilwien!" Għaliex taħseb li tgħid hekk u kif tintrabat din l-istqarrija mal-bqija tal-artiklu? (3)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.**

1. Matul is-snin, kelma tista' tittrasforma ruħha mill-kelliema u tikseb tifsira ġdida għal diversi raġunijiet. Iddiskuti dawn ir-raġunijiet b'eżempji xierqa. Dawn l-eżempji tista' tippreżentahom f'tabella bħala parti mit-tweġiba tiegħek.

**JEW**

2. Fi lsienna nsibu għadd ġmielu ta' omonimi u sinonimi. Fisser x'inhuma eżatt dawn iż-żewġ termini u spjega kif jinħolqu b'eżempji xierqa. Tista' tuża tabella fit-tweġiba tiegħek.

**(Total: 20 marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 29 ta' April 2023 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**LETTERATURA (A)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fit-tentattiv tiegħu biex jiddefinixxi lilu nnifsu bħala bniedem, Oliver Friggieri sikwit jiddefinixxi lilu nnifsu bħala poeta. Taqbel ma' din l-istqarrija? Iddiskutiha b'rabta mal-poeżiji li studjajt fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*.

**JEW**

2. F'għadd ta' poeżiji fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*, Oliver Friggieri jittratta relazzjonijiet personali differenti. Iddiskuti l-lingwaġġ u l-istil li juża biex jikteb dwarhom.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*, Simone Galea tistedinna nesploraw kunċetti u ideat alternattivi li jitbiegħdu minn dawk fissi u riġidi, ġeneriċi u prestabbiliti. Iddiskuti.

**JEW**

2. Fil-qalba tal-poeżija ta' Simone Galea hemm l-isfidi li jiffaċċjaw il-membri vulnerabbli tas-soċjetà. Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA**

**Agħżel poeżija WAĦDA (i jew ii) u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.**

**F'dan it-taħriġ "tirrakkuntax" il-poeżija magħżula; tagħtix sempliċiment lista tal-elementi letterarji li hemm fiha. Il-poeżija trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha, jiġifieri bħala xogħol li l-forma tiegħu, b'elementi bħall-arkitettura tal-versi u l-istrofi u bħal-lingwaġġ figurattiv, twassal il-kontenut tematiku, l-assoċjazzjonijiet mentali, l-ambigwitajiet, l-allużjonijiet, l-emozzjonijiet, is-sensazzjonijiet, u l-bqija. Agħti importanza ewlenija lil elementi bħall-vuċi, it-ton, ir-ritmu, il-ħsejjes, l-għażla tal-kliem, il-metafora, is-similitudni, il-metonimija, il-metrika, il-binja tal-versi, u t-tqassim tal-istrofi, u stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn joħolqu.**

(i)

**San Pawl**

"Ġabu ruħhom magħna bi ħlewwa li ma bħalha."
*Atti 28:2*

Ħdejn l-istatwa ta' San Pawl
jgħaddi
qassis bir-rużarju f'idu,
politikant b'rasu mimlija kapital,
vagabond sejjer biex jorqod maġenb is-sur.
Irqadt maġenb il-qaddis,
u ħlomt:

Il-qaddis iqum mill-istatwa tiegħu
biex jgħatti biċ-ċoqqa lill-vagabond,
u jerġa' f'postu.

Filgħodu,
iċ-ċoqqa għadha fuq dahar il-qaddis.
Il-kesħa għadha tgħatti l-vagabond
bil-ħolm ħafi.
U Aylan iċ-ċkejken, bi flokk aħmar,
ibus ir-ramel
taħt saqajn il-qaddis.

*(Murad Shubert, mill-ġabra Imbagħad il-Qiegħ)*

**JEW**

(ii)

**Platt għaġin bil-gambli, Wied iż-Żurrieq?**

Mimli llejla l-qamar (bħal xofftejk, ħabiba)
jimtedd fuq ħaddek id-dawl fietel jitwal jiċkien nitilfuh
nerġgħu nsibuh mal-mogħdija taħtna li tagħti għall-baħar.

Frażi la ġenba għajnejk. Warajk Filfla qed tiswied
maqtugħa għaliha bħal frażi oħra qed tispiċċa.

Id-diskors jinsa fejn wasal ma jkomplix
iħuf bejnietna jintelaq xkora għażż fuq il-blat
idur għalih il-gawwi.

Inqumu minn fuq il-bank tal-ġebel. Ġej l-aptit.
Naqsmu faċċata għal ħdejn l-imwejjed bluni tal-ħadid.
Issa, fuq wiċċek lewn iż-żebbuġ, il-kliem jingħasar tbissima fuq il-platt.

*(Claudia Gauci, mill-ġabra Max-Xatt tat-Tamarisk)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 2 ta' Mejju 2023 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**LETTERATURA (B)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IR-RUMANZ**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Sa minn meta jiftaħ ir-rumanz, Feliċ jidher bħala karattru li se jkun żvinturat. Iddiskuti kif dan il-ftuħ jinfluwenza l-bqija tal-ġrajja tal-karattru ta' Feliċ u tar-rumanz *Ħelsien*.

**JEW**

2. *Ħelsien* huwa rumanz li l-ġrajjiet tiegħu huma sikwit ibbażati fuq ir-relazzjonijiet ta' ħbiberija jew ta' mħabba bejn ċerti karattri. Iddiskuti dan b'eżempji mir-rumanz.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IN-NOVELLI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Trevor Żahra spiss jinqeda bit-teknika tal-antropomorfizzazzjoni, fejn l-oġġetti jsiru bħallikieku bnedmin, u bis-similitudni, fejn il-bnedmin jitqabblu mal-oġġetti. Agħti eżempji ta' dan min-novelli f'*Xemgħat* u uri x'effett għandhom fuq il-mod kif jiġu rrakkontati l-ġrajjiet.

**JEW**

2. Bosta mill-karattri f'*Xemgħat* huma individwi solitarji jew partikolari li n-narratur jiffoka fuqhom u jdawwar l-istorja madwarhom. Iddiskuti din l-istqarrija b'eżempji min-novelli.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. *Karnival* huwa dramm simboliku li jittratta kwistjonijiet sew storiċi u nazzjonali sew universali u marbuta mal-bnedmin kollha. Uri dan b'eżempji mid-dramm u mill-azzjonijiet tal-karattri tiegħu.

**JEW**

2. Id-dramm *Karnival* huwa bbażat fuq konfront bejn il-qadim u l-ġdid. Iddiskuti dan b'eżempji, filwaqt li tikkummenta wkoll fuq kif jintemm id-dramm.

**(Total: 20 marka)**